

## Taħriġ Espert fil-Qasam tas-Saħħa Pubblika

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika

Referenza: ECDC/AD/2022/PHF-EPHT

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

### Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe post vakanti futur fil-qasam.

Id-detentur tal-impjieg se jirrapporta lill-Kap tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC (EPIET/EUPHEM) u se jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-grupp tal-Iżvilupp Professionali Kontinwu (CPD) fit-Taqsima tat-Taħriġ fil-Qasam tas-Saħħa Pubblika tal-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika.

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli għall-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Il-ġestjoni ta' proġetti u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' taħriġ u taqsim għall-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC sabiex jaġġorna l-kurrikulu, inkluża l-koordinazzjoni xjentifika tal-parteċipanti;
- It-tmexxija tal-ġestjoni tal-kwalità u l-kontribut għat-tisħiħ tas-superviżuri tas-sit tat-taħriġ u ta' professjonisti tas-saħħa nazzjonali oħra tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC permezz tal-iżvilupp tal-oqsma ta' mentoraġġ u ta' trasferiment tal-għarfien (eż., iħarreġ lill-ħarrieġa);
- It-tmexxija tal-iżvilupp sabiex jidied l-impatt tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC fil-pajjiżi li bħalissa ma humiex irrappreżentati biżżejjed fl-UE/fiż-ŻEE;
- L-appoġġ fit-tmexxija u fit-titjib tal-amministrazzjoni tal-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC, eż. organizzazzjoni tal-attività ta' taħriġ, żjarat fuq is-sit tat-taħriġ, kompiti internazzjonali;
- Il-forniment ta' għarfien espert fl-epidemjoloġija intervenzjonali u fit-taħriġ fil-qasam tas-saħħa pubblika;

- Il-kontribut għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC fil-qasam tal-kompetenza tiegħu;
- Jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

## Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

### A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas 3 snin attestati b'diploma<sup>1</sup>;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek<sup>2</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)<sup>3</sup>;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

### B. Kriterji tal-għażla

Sabiex tikkwalifika għal din il-kariga, identifika kriterji essenzjali fir-rigward ta' esperjenza professjonali u karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

#### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-anqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara li tkun ksibt id-diploma), li mill-anqas 3 snin minnhom iridu jkunu f'impjegji rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
  - Sfond tajjeb ħafna fis-sorveljanza tal-mard li jittieħed u fl-epidemjoloġija intervenzjonali;
  - Esperjenza attestata fl-organizzar ta' attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tas-saħħa pubblika;
  - Esperjenza Prattika u ħiliet tajbin ħafna fil-ġestjoni ta' proġetti;
  - Esperjenza ta' xogħol minn ambjent internazzjonali u multikulturali;
  - Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellm.

1 Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew aktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali l-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija sabiex juri li ma għandux kondotta kriminali.

## Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Orjentat lejn il-ksib tar-riżultati;
- Xprunat mill-kwalità;
- Spirtu ta' servizz;
- Ħila li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u bil-miktub.

Skont in-numru ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

## Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista mqassra proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista mqassra ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista mqassra ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' 5 snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 5**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu sabiex itemmu b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

## Proċedura tal-applikazzjoni

Sabiex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni

u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċetta applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhux se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib **gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku** u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni<sup>4</sup> ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

---

<sup>4</sup> Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.